t
MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 67

21 ta' Novembru 2016

Minuti tas-seduta Nru. 67 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 66, li saret fl-1 ta' Novembru 2016, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif emendati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu tal-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-CCTV camera ġiet installata fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għal perjodu ta' sitt xhur bi prova.

2.1.3. Is-Segretarju qal li biex il-*camera* tkun aktar effettiva, id-*domes* tal-*bring-in site* għandhom jitressqu mal-bankina li tifred il-parkeġġ mit-triq. Is-Sur C. Debono qal ukoll li d-Direttur tal-Cleasing Services Department offra li l-istess Dipartiment ikun dispost li jressaq persuni l-Qorti, kemm-il darba jkollu l-filmati.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-*bring-in sites* fi Triq Qasam Barrani u Triq l-Etna jispiċċaw għal kollox b'effett mill-1 ta' Diċembru 2016. Qal ukoll li għandu jiġi żgurat li l-kuntrattur ikun qed jissorvelja dak li jkun għaddej, skont kif ġie miftiehem.

2.1.5. Is-Sindku qal li jkun aħjar li t-tneħħija tal-*bring-in sites* mit-toroq imsemmija fil-minuta 2.1.4. isseħħ fil-bidu ta' Jannar 2017, wara li ssir laqgħa mad-diriġenti ta' Green MT Ltd. Huwa qal li għandhom jitwaħħlu tabelli fl-istess postijiet sabiex il-pubbliku jkun infurmat bil-pjanijiet tal-Kunsill.

2.1.6. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Segretarju, kif ukoll dak tas-Sindku skont il-minuti 2.1.3 u 2.1.5, rispettivament.

**2.2.1. Sejħa għall-istimi dwar l-Iddisinjar taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u qal li d-*designer* inkarigat – Creatit Studio – diġa beda x-xogħol u hemm skedata laqgħa fit-22 ta' Novembru 2016, flimkien mal-Inġinier R. Curmi u l-Perit J. Attard dwar is-sistema tal-elettriku sabiex ikunu jistgħu jitħejjew l-istimi.

2.3.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 18/11/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/11/16 – 10/11/16
- Skeda ta' Pagamenti – 29/10/16 – 18/11/16;
- Rapport tas-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni – Sejħa għall-Offerti 12/2016 – 10/11/2016
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Tismija ta' toroq fiż-żona tal-*boathouses* f'Ramlet il-Qortin (T/4/1/Vol III)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Novembru 2016 mibgħut mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, li wieġbu għal rappreżentazzjonijiet li saru min-naħa tal-Kunsill dwar is-suġġett t'hawn fuq. Fl-istess imejl il-kumitat ikkummenta illi mhux prattiku li jiġu rikonoxxuti toroq li nħolqu barra miż-żona tal-iżvilupp biex jagħtu aċċess lil żvilupp li ma huwiex kopert bil-permessi kollha tal-bini. Din il-pożiżżjoni ġiet addottata wara li saret konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar li min-naħa tagħhom qalu li ż-żona tal-kmamar tal-Armier mhix identifikata bħala żona urbana fil-Pjan Strateġiku, jew fil-Pjan Lokali, u għalhekk m'hemmx alinjament ta' toroq.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tweġibiet mogħtija u talab li dawn jiġu komunikati lill-Armier Developments Ltd.

**4.2.1. Tisbiħ tat-taraġ ta' fuq fi Triq San Publiju (P/4/17/Vol II)**

4.2.2. Is-Segretarju aċċenna għall-kuntatti u rappreżentazzjonijiet li saru mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu dwar il-possibiltà li l-istess Awtorità tikkontribwixxi għat-titjib fid-dehra ta' postijiet li jinsabu fil-qalba tal-Mellieħa. Permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2016, ingħatat konferma li l-Awtorità ser tikkontribwixxi €15,163 għad-dwal ornamentali li ser jiġu nstallati fit-taraġ ta' Triq San Publiju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

4.2.4. Is-Sindku rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li minħabba l-preżenza ta' aperturi li jiftħu 'l barra li jinsabu mal-proprjetà tal-familja Azzopardi, l-indana tat-taraġ ta' fuq nett, ġiet wieqfa. Biex dan jiġi evitat, jeħtieġ li tonqos il-wisa' tal-pjan mal-kantuniera ma' Triq it-Tramuntana. Is-Sur J. Buttigieg qal dan ġie diskuss mal-perit u mal-kuntrattur.

4.2.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa ġiet diskussa wkoll s-sigurtà fl-użu tar-rampi li saru bejn it-turġien, partikularment fil-parti ta' fuq. Huwa fakkar li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità kienet ħarġet ċertifikat ta' eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-regolamenti *Access for All*, minħabba t-talut tat-triq. Huwa qal li soluzzjonijiet għal din is-sitwazzjoni, huma l-bdil ta' l-istess rampi b'turġien, jew li jiġu mblukkati permezz ta' katina.

4.2.6. Billi r-rampi fin-naħa t'isfel lejn Triq il-Parroċċa m'humiex daqstant weqfin, kien hemm qbil li l-perit għandu jitlob modifika fil-permess sabiex ir-rampi ta' fuq jinbidlu f'turġien, kif ukoll jiċkien il-pjan li kellu jiġi ma' Triq it-Tramuntana, skont kif spjegat fil-minuta 2.1.2., waqt li l-aħħar żewġ rampi jibqgħu kif inhuma.

### 4.3.1. Ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XIV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 19 ta' Novembru 2016, mibgħut minn Auxilio Caruana, fejn lmenta illi minkejja li saru linji sofor u tneħħiet waħda mill-*parking bays* fuq naħa waħda tal-garaxx f'Nru. T14, xorta waħda qed isibha diffiċli li jimmanuvra bix-xarabank tiegħu, peress li d-distanza bejn il-vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq ma tkunx biżżejjed biex jgħaddi xarabank. Dan peress li l-wisa' tal-karreġġjata hija 6.55 metri. Għaldaqstant qed jitlob li titneħħa t-tieni *parking bay* li tinsab qrib il-kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jitnaqqas aktar spażju ta' parkeġġ milli diġa ġie konċess.

### 4.4.1. Żjara f'Cavriglia mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina (K/1/5/3/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Novembru 2016, mibgħuta mis-Sindku ta' Cavriglia s-Sur Leonardo Degl'Innocenti o Sanni, li kkonferma l-parteċipazzjoni ta' delegazzjoni fil-konferenza *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* li ser isseħħ bejn it-8 u t-12 ta' Diċembru 2016. Din il-parteċipazzjoni qed iqisuha bħala tisħiħ tal-ġemellaġġ Mellieħa/Cavriglia.

4.4.3. Fl-istess ittra saret stedina sabiex l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina żżur Cavriglia f'Settembru 2017, u tagħti kunċerti fl-istess territorju. Il-Comune di Cavriglia offra li jagħmel tajjeb għall-ħtiġijiet ta' din iż-żjara, bl-eċċeżżjoni tal-ivjaġġar u l-ospitalità.

4.4.4. Il-Kunsill innota l-istedina.

### 4.5.1. Sigurtà għat-tfal qrib l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta'Otturu 2016, iffirmata mill-Kap u l-President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Dawn ilmentaw illi minkejja t-tabelli li saru fid-daħla tal-parkeġġ ta' quddiem l-iskola, xorta waħda qed jidħlu u joħorġu vetturi waqt il-ħinijiet indikati. Għaldaqstant ġie propost li jsiru *bollards*, jew xatba li titla' u tinżel. Intalab ukoll li jsiru *pedestrian crossings* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u fi Triq Qasam Barrani, bejn Triq il-Modd u Triq Vincenzo Ciappara.

4.5.3. Is-Sindku għarraf li fis-16 ta' Novembru 2016 saret laqgħa mal-Supretendent W. Spiteri u uffiċjali oħra mill-Pulizija tad-Distrett, fejn ġiet diskussa din il-kwistjoni. Kien hemm qbil li l-problema tista' titnaqqas billi t-traffiku ma jitħalliex jidħol fi Triq il-Mitħna l-Ġdida min-naħa tar-

4.5.4. *roundabout*, kif ukoll jitpoġġew *cones* fid-daħla tal-parkeġġ.

4.5.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li fiż-żona tal-iskola diġa jeżistu tliet *pedestrian crossings* bil-*belisha lights* u għalhekk ma jkunx għaqli li jiżdiedu oħrajn fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u fi Triq Qasam Barrani, bejn Triq Vincenzo Ciappara u Triq il-Modd. Il-Kunsill osserva li waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal, qed ikun hemm Uffiċjal tal-Komunità f'din il-parti ta' Triq Qasam Barrani.

### 4.6.1. Rimi ta' skart elettroniku (*WEEE*) (K/6/11)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 24 ta' Ottubru 2016, mibgħut minn WEEE Malta. Huwa qal li attwalment dawn qed jiġbru skart elettroniku mingħand il-membri kummerċjali tagħhom, filwaqt li l-Kunsilli Lokali qed jiġbor skart tal-istess tip permezz tal-kuntrattur tiegħu. WEEE Malta qed tofri *trolleys* sabiex jitpoġġew fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali bil-għan jitpoġġa skart elettroniku ta' daqs żgħir, li normalment jintrema mal-borża s-sewda. Din l-inizjattiva ma tinvolvix spejjeż għall-Kunsilli, anzi l-istess skema se tgħaddi €20 lill-Kunsilli għal kull tunnellata li tinġabar b'dan il-mod.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din l-iniżjattiva billi jipprovdi dan is-servizz mill-uffiċċju tiegħu.

### 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18th Novembru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn l-1 u l-10 ta' Novembru 2016

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-29 ta' Ottubru u t-18 ta' Novembru 2016.

6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa ser jastjeni mill-approvazzjoni tal-iskeda billi għandu parentela mal-fornitur indikat fejn il-pagament 023-11-16.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.6. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

***"Billi permezz tal-Programm "Europe for Citizens – Town twinning Citizens' Meetings" ġiet allokata s-somma ta' €150,000 taħt Strand 2, Miżura 2.2 Networks of Towns, Selection Year 2016 – Round 1 – għall-Proġett "Small Markets at the Heart of the European Economy", li l-ewwel parti tiegħu ser isseħħ fil-Mellieħa, bejn it-8 u t-12 ta' Diċembru 2016 b'allokazzjoni ta' €25,000;***

***Billi skont il-ftehim mal-Education, Audiovisual and Culture Executive Agency, il-proġett jinvolvi l-organizzazzjoni ta' konferenza bil-parteċipazzjoni ta' delegati minn Malta; il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja; il-Polonja, ir-Rumanija u Ċipru, li jeħtieġu ikel u akkomodazzjoni matul il-ġranet imsemmija; u***

***Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 12/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mis-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet offerti li saru, skont rapport datat 10 ta' Novembru 2016;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz meħtieġ għandu jiġi ffirmat mal-offerent Culture3Sixty Ltd, billi offrew l-anqas prezz, filwaqt li kienu konformi mar-rekwiżiti nklużi fid-dokument tal-offerta.".*** **(P/10/25)**

7.2. Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni ffirmat mis-sotto-Kumitat tal-Evalwaturi maħtur mill-Kunsill.

7.3. Ir-rapport ġie approvat, u l-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

7.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 10.4. tas-seduta preċedenti u ppropona li għall-kunċert tal-ftuħ li ser iseħħ fil-Knisja tal-Manikata fit-8 ta' Diċembru 2016, tiġi mistiedna l-Ministru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili l-Onor. H. Dalli, li hija responsabbli mill-MEUSAC. Kompla billi ssuġġerixxa li l-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u Negożi Żgħar, l-Onor. C. Cardona jindirizza l-konferenza fil-ftuħ tagħha, fid-9 ta' Diċembru, filwaqt li jkun hemm messaġġi permezz tal-video mid-Deputati Parlamentari Ewropej l-Onor. R. Metsola u l-Onor. M. Dalli. Ġie propost ukoll li Dr G. Cordina jagħmilha ta' moderatur.

7.5. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuta 7.4.

**8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

***"Billi permezz ta` kuntratt datat 10 ta' Settembru 2009 ġie ffirmat kuntratt mad-Dipartiment ta` l-Artijiet li bis-saħħa tiegħu l-bini tat-Torri l-Abjad u r-ridott ta' madwaru (Tenement No. 50240), li jinsabu fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, ġew devoluti lill-Kunsill Lokali Mellieħa b`titolu ta` kera;***

***Billi l-intenzjoni tal-Kunsill hija li dan il-post ikun jista` jitgawda mill-pubbliku, iżda minħabba l-limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji u umani mhux possibbli li jirrestawra, jattrezza, jmantni***

***u jikkustodixxi l-imsemmija proprjetà, mingħajr spiża kapitali u rikorrenti minn sena għall-oħra; u***

***Billi wara li saret sejħa għall-interess ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Frar 2016, is-soċjetà Din l-Art Ħelwa, flimkien ma' offerent ieħor, uriet li lesta tidħol għal dan l-inkarigu, a spejjeż tagħha, skont abbozz ta` ftehim li ġie approvat kemm mill-Kunsill, kif ukoll mill-istess soċjetà, li kopja tiegħu tqassmet qabel is-seduta tal-Kunsill ta' llum 21 ta' Novembru 2016; u***

***Billi d-Dipartiment tal-Artijiet, permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju2016 ikkonċeda li din il-proprjetà tiġi mgħoddija lis-socjetà msemmija għall-għanijiet speċifikati aktar 'il fuq;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiġu awtorizzati jiffirmaw l-imsemmi ftehim għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-iffirmar.". (A/6/7/1/Vol II)***

8.2. Is-Sindku għarraf li fis-7 ta' Novembru 2016 saret laqgħa mal-President Eżekuttiv M. G. Cassar u t-Teżorier M. Scicluna, tas-Soċjetà Din l-Art Ħelwa fil-preżenza tal-konsulent legali tal-Kunsill. Flimkien mas-Sindku J. Buttigieg, għan-naħa tal-Kunsill attendew il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, J. Gauci. Fl-istess laqgħa saret reviżjoni finali tat-test tal-ftehim, kif ukoll ġiet inkluża klawsola dwar l-viżibilità tal-istess Kunsill fil-materjal promozzjonali li jsir dwar it-Torri l-Abjad. L-aħħar abbozz tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

8.3. Il-mozzjoni għaddiet b'modd unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 9.1. Impjieg ta' uffiċjal fis-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)

9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li s-Sur Stephen Borg – li huma mpjegat fis-servizz ċivili ssekondat mal-Kunsill - applika sabiex jieħu *leave* fit-tul mingħajr ħlas sabiex jagħmel xogħol mal-privat. In vista ta' din is-sitwazzjoni jeħtieġ li jinbdew il-proċeduri sabiex tiġi mpjegata persuna biex tagħmel x-xogħol li jagħmel hu, fi skala li taqbel mad-doveri li kien jaqdi. Kompla jgħid li l-iskala kompatibbli max-xogħol li jwettaq is-Sur Borg hija dik ta' skala 11.

9.3. Is-Segretarju spjega li r-rekwiżiti mitluba bir-Regolamenti dwar Riżorsi Umani (Kunsilli Lokali) huma dawk stabbliti fir-regolament 14(b)(iii), ossija tliet suġġetti differenti f'livell avvanzat (*'A' level passes* b'minimu ta' *Grade* C jew ekwivalenti) u tliet suġġetti oħra f'livell ordinarju (*'O' level passes* b'minimu ta' *Grade* C jew ekwivalenti), li jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika (f'livell avvanzat jew ordinarju); jew tliet snin esperjenza fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) ma' Kunsill Lokali, u soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti.

9.4. Is-Sur C. Debono qal ukoll li għalkemm il-popolazzjoni tal-lokalità tippermetti għall-mpjieg ta' erba' persuni skont l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali jista' jagħti permess sabiex jiġi mpjegat il-ħames uffiċjal. Fil-fatt il-permess ingħata mid-Dipartiment permezz ta' imejl datat 23 ta' Novembru 2016.

9.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi mpjegat uffiċjal fi Skala 11.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Estimi Finanzjarji 2017 (F/1/28)

10.2. Saret diskussjoni sabiex jiġu determinati l-prijoritajiet tal-Kunsill għall-2017. Kien hemm qbil li sakemm il-qagħda finanzjarja tippermetti fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2017 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi segwenti:

- Kiri ta' vettura kummerċjali biex tintuża mill-ħaddiema tad-Districts Operations Ltd assenjati mal-Kunsill, kif ukoll għal ħtiġijiet oħra li jinqalgħu;
- *Patching* ta' toroq li saru bit-tarmak matul is-snin.
- Bdil tal-fanali ornamentali eżistenti fuq il-parapett ta' Misraħ il-Parroċċa, biex isiru oħrajn pariġġ dawk taż-żuntier, ta' Triq il-Parroċċa u Triq San Publiju;

- Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fit-toroq li jinsabu fi Triq Dun Manwel Grima, Triq San Ġużepp, Triq il-Ġilju, Triq l-Għasafar u Triq ix-Xifer;
- Bdil tal-lampi ta' Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Tisbiħ ta' Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq Sant' Anna u rampa fi Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Bdil ta' *play equipment* u *rubber flooring* fi Ġnien Dun Anton Debono u fi Ġnien tas-Salib;
- Tisbiħ tat-turġien fi Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri;
- Restawr tat-taraġ u passaġġ bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq il-Marfa;
- *Resurfacing* ta' Triq Ġorġ Borg Olivier bejn Triq San Publiju u Triq il-Marfa u partijiet oħra bejn Triq Sant' Elena u Triq il-Madonna ta' Fatima.

10.3. Is-Segretarju qal li l-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għall-2017 tammonta €1,084,638. Kompla jgħid li ser jara x'fondi ser ikun hemm disponibbli għall-inizjattivi msemmija fil-minuta preċedenti, wara li jittieħdu in konsiderazzjoni l-ispejjeż stmati għall-2016.

## 11.1. Ftehim dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli (K/6/11)

11.2. Is-Sindku aċċenna għall-ftehim imsemmi hawn fuq ma' Green MT Ltd li jkopri is-snin 2015-16. Kopja tiegħu tqassmet lill-membri tal-Kunsill qabel is-seduta.

11.3. Wara li ġie rivedut it-test kollu tal-ftehim imsemmi fil-minuta 11.2, aktar 'il fuq, il-Kunsill kien tal-fehma li l-ftehim il-ġdid għandu jinkludi t-tibdil li jidher hawn taħt:

| Paġna | Klawsola | Tibdil Propost |
|---|---|---|
| 3 | Paragrafu 3 | Tingħata kjarifika dwar jekk l-iskart elettroniku (WEEE) huwiex ser jibqa' parti mill-ftehim, jew isir ftehim ieħor separat ma' l-iskema WEEE Malta. |
| 4 | Paragrafu 2 | Il-popolazzjoni tiġi aġġornata għall-10,087 (skont statistika uffiċjali ppubblikata fil-31/03/2014) |
| 5 | Klawsola 1 - Paragrafu 1 | Ġranet tal-ġbir tal-borża l-griża jibqgħu nhar ta' Tlieta u l-Ħamis. |
| 6 | Klawsola 1 – Paragrafu 3 | Il-ħinijiet tal-ġbir tal-borża il-griża jsir bejn is-7.00am u l-4.00pm. |
| 6 | Klawsola 2 – Paragrafu 1 | Il-Bajja tal-Mixquqa tiġi nkluża ma' dik tal-Għadira biex jitbattlu l-l-*litter bins* intiżi għas-separazzjoni tal-iskart. |
| 6 | Klawsola 2 – Paragrafu 4 | Il-*bins* għas-separazzjoni tal-iskart iridu jitpoġġew fil-bajjiet tal-Għadira u tal-Mixquqa fis-6 ta' Ġunju ta' kull sena. |
| 7 | Klawsola 3 | Jitħassru l-kliem *"….bil-kundizzjoni li jitneħħew il-kontenituri ex-Wasteserv li hemm fiż-żona tal-Armier.*", filwaqt li l-aħħar sentenza tiġi tinqara hekk: *"Dawn jiġu mbattla darba fil-ġimgħa u miżmuma nodfa mill-istess l-ewwel parti."*. |
| 9 | Klawsola 4 – Paragrafu 2 | Il-ġurnata tal-ġbir tal-borża l-griża bieb-bieb mill-*caravan site* tal-Għadira tkun nħar ta' Tlieta biss. |

| | | |
|---|---|---|
| 9 | Klawsola 5 – Paragrafu 1 | Il-lista ta' *bring-in sites* tiġi aġġornata hekk:<br>• L-Armier iż-Żgħir – Żewġ settijiet<br>• Ta' Maċċa – Żewġ settijiet<br>• Ramla tat-Torri l-Abjad - Żewġ settijiet<br>• Armier - Sett wieħed<br>• Għadira (*Camping Site*) – Sett wieħed<br>• Ix-Xatt ta' Santa Marija – Sett wieħed<br>• Triq l-Iżbark tal-Franċiżi |
| Paġna 10 | Klawsola 5 – Paragrafu 3 | Il-kontenituri fuq roti għandhom jingħataw lill-istabbilimenti kummerċjali li jiġġeneraw ħafna skart tal-ħġieġ. |
| Paġna 10 | Klawsola 6 | Il-ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb jibqa' isir fil-jum tal-Ġimgħa, iżda kull ħmistax-il ġurnata. |
| Paġna 12 | Klawsola 11 | In-numru ta' *vouchers* li jingħaw lir-residenti għandu jiżdied minn 20 għal 40 kull sena. |
| Paġna 12 | Klawsola 12 | L-ammont fiskali biex ikopri reklamar fin-*newsletter* tal-Kunsill għandu jiżdied minn €250 għal €500 kull sena. |
| | Klawsola ġdida | Jiġi ntrodott servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ li jingħata perjodikament. |

11.4. Il-Kunsill qabel għandha ssir sejħa fost l-operaturi taż-żewġ skemi awtorizzati li jiġbru l-iskart riċiklabbli bil-għan li jsir fteħim ma waħda magħhom bl-inklużjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq.

## 12.1. Baġit u tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2016 (A/5/3/7)

12.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq abbozz tal-programm kif gej:

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis<br>8 ta' Diċembru | - Kunċert fil-Knisja tal-Manikata minn Joy Gospel Singers;<br>- Preżentazzjoni tal-Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy*". |
| Il-Ġimgħa<br>9 ta' Diċembru | Spettaklu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mill:<br>- Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina,<br>- Vuċijiet Vittorjani; Malcolm & Band, u<br>- The Red Heckled Pipe Band |
| Is-Sibt<br>10 ta' Diċembru | Spettaklu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mill:<br>- Artemocion;<br>- Banda u Kor Imperial; u<br>- Grupp Jamm |
| Il-Ħadd<br>11 ta' Diċembru | Spettaklu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mill:<br>- Mużiċisti minn Aquaviva Delle Fonti;<br>- Vjolinista Marija Cini; u<br>- Anime Gospel Choir. |

| | |
|---|---|
| It-Tnejn<br>12 ta' Diċembru<br>(9.30am u 11.00am) | Attività għall-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa bis-sehem ta:<br><br>- Big Friends Guggen Band; u<br>- Brooke & Band. |
| It-Tlieta<br>13 ta' Diċembru | Attività għat-tfal fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja |

12.3. Is-Sur C. Bartolo qal li l-baġit tas-sena preċedenti - €12,000 - ser jinżamm, filwaqt li hemm prospetti li jinġieb *sponsorship* mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Seabank Group, mill-Maritim Hotel Antonin & Spa.

12.4. Il-Kunsill approva l-programm, kif ukoll l-ispiża ndikata.

## 13.1. Tneħħija ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)

13.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. fil-minuti tas-Seduta Nru. 65 tal-11 ta' Ottubru 2016 u għarraf li fit-28 Novembru 2016 il-kuntrattur konċernat ser japplika l-materjal li jippreveni l-iskiddjar tal-vetturi fi Triq il-Kbira, fil-parti bejn Triq in-Naħal u Triq Snajjin. Ix-xogħol ser isir bejn id-9.00am u s-6.00pm.

13.3. Il-Kunsill qabel li t-triq għandha tibqa' miftuħa, bit-traffiku jalterna minn direzzjoni għal'oħra, permezz tal-Uffiċjali tal-Komunità. Transport Malta għandha tiġi nfurmata b'dan l-arranġament.

## 14.1. Bini devolut lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

14.2. Is-Sindku rrefera għal talba li saritlu mill-Kappillan tal-Manikata r-Rev. Denis Schembri li f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jixtieq jitlob l-użu tal-binja, oriġinarjament użata mill-militar Ingliż, sabiex tintuża għall-affarijiet tagħha. Il-Parroċċa lesta li tidħol fi ftehim mal-Kunsill għal dan il-għan.

14.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-binja msemmija tiġi assenjata b'titolu ta' kommodat. (self għall-użu speċifiku).

## 15.1. Servizzi mid-Districts Operations Ltd (E/3/6/Vol II)

15.2. Is-Sindku għarraf li minn kuntatti li huwa kellu ma' diriġent mid-Districts Operations Ltd, irriżulta li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt din l-iskema jistgħu jingħataw xogħlijiet li mhux neċessarjament ikunu marbuta mal-manutenzjoni ta' proprjetà li taqa' fir-responsabilità tal-Kunsill. Għaldaqstant huwa possibbli li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq patrimonju storiku li huwa proprjetà tal-Knisja. Għaldaqstant huwa ppropona li uħud minn dawn il-ħaddiema jintbagħtu jagħmlu xogħol ta' żebgħa fil-Kmamar tas-Santwarju, bl-ispejjeż tal-materjal tagħmel tajjeb għalihom il-parroċċa.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-obbligi li għandu l-Kunsill dwar il-manutenzjoni tal-assi li jaqgħu fir-responsabilità tiegħu, jingħataw priorità fuq kull xogħol ieħor. Kien hemm qbil li l-kunsens bil-kitba għandu jinkiseb mingħand id-Districts Operations Ltd.

## 16.1. Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għal bdil ta' *rubberized floor* biswit l-*open air gym* fil-Park tal-Familja. Huwa staqsa dwar minn ikkommissjona dan ix-xogħol.

16.3. Is-Sindku wieġeb li dan sar minn SportsMalta wara talba li saritilhom mill-Kunsill, peress li t-tapit l-qadim kien perikoluż.

16.4. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li jeżisti nkonvenjent fit-taraġ li jagħti mill-*multi-purpose court* għad-*dressing rooms* tal-Park tal-Familja. Meta tagħmel ix-xita u l-ilma jdum ħafna jqattar fl-istess taraġ.

16.5. Is-Segretarju qal li saru diversi attentati biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema, u fil-fatt anke ġew issiljati l-fissuri li saru fil-passaġġ li hemm biswit l-istess *court*. Minkejja dan, il-problema baqgħet u jidher li ilma li jaqa' fuq il-court qed jiskula bil-mod billi jidher li hemm parti minnu maqlub fid-direzzjoni tat-taraġ.

## 17.1. Laqgħa għas-sidien ta' negozji (K/10)

17.2. Is-Sindku aċċenna li fis-17 ta' Novembru 2016 saret il-laqgħa msemmija hawn fuq, li għaliha attendew madwar 15-il persuna. Fost il-punti li ssemmew kien hemm:

a. Iż-żieda fil-ħin tal-*limited time parking* fit-toroq ewlenin, minn 45 minuta għal siegħa;

b. Infurżar tal-*Un/Loading Parking Bays*;

c. Preżenza eċċessiva tal-Uffiċjali tal-Komunità fit-toroq ewlenin;

d. Ħtieġa ta' aktar dawl fit-toroq ewlenin;

e. Wiċċ tat-triq jiskiddja fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq it-Tonn u Triq Sant' Elena; u

f. Sistema ta' traffiku *one-way* li talterna fid-direzzjoni, permezz ta' *traffic lights*, fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

17.3. Il-Kunsill innota l-punti mqajjma sabiex tittieħed l-azzjoni possibbli dwarhom.

## 18.1. Pavimentar taż-żuntier f'Misraħ il-Parroċċa – Mellieħa (P/4/3/Vol IV)

18.2. Is-Sindku għarraf li fl-10 ta' Novembru 2016 saret laqgħa fuq il-post mal-Perit Alex Cutajar mit-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, dwar ix-xogħol imsemmi hawn fuq. Għall-istess laqgħa attendew l-Arċipriet ir-Rev. J. Caruana flimkien mas-Sur S. Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv s-Sur C. Debono. Il-Perit wera pjanta bid-disinn tal-pavimentar tal-qawwi li propost isir minflok il-madum eżistenti. L-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar ser issir permezz tal-Perit A. Cutajar.

18.3. L-Arċipriet, min-naħa tiegħu talab lill-Kunsill sabiex jagħmel talba formali dwar l-intenzjonijiet tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali u eventwalment isiru sottomissjonijiet mal-Kurja Arċiveskovili. Dan bil-għan li jiġi ffirmat ftehim li jissalvagwardja d-drittijiet tal-Knisja dwar l-istess żuntier.

18.4. Fl-istess laqgħa, l-Arċipriet qal li hija l-intenzjoni tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali li jsir bust tal-bronż tal-Kappillan Franġisk Marija Magri, fuq iż-żuntier in-naħa ta' Triq Salvinu Vella.

18.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni msemmija.

## 19.1. Tmiem il-parrokat tar-Rev. Reginald Magri (M/6)

19.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-Kappillan tal-Manikata r-Rev. R. Magri temm il-kariga tiegħu u nħatar minfloku ir-Rev. Denis Schembri. Huwa ppropona li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament għall-ħidma u s-sens ta' koperazzjoni li dejjem kien hemm mal-Kunsill tul it-tlettax-il sena li dam jokkupa din il-kariga. Huwa ppropona li Dun Reggie jingħata l-onorefiċenza Apprezzament il-Mellieħa f'Jum il-Kunsill 2017.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 20.1. Periklu fi Triq il-Kbira qabel ir-*roundabout* ta' Selmun (T/3/3/Vol IV)

20.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni li fil-post imsemmi hawn fuq, il-wiċċ tat-triq huwa perikoluż, partikularment meta jkun imxarrab bix-xita jew in-nida.

20.3. Is-Segretarju wieġeb f'Ġunju 2016 kienet saret ordni lill-kuntrattur konċernat sabiex isir *scarifying* ta' wiċċ it-triq.

**21.1. Kompetizzjoni tas-snooker organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)**

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech staqsa jekk il-premjijiet li jingħataw lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni msemmija għandhomx ikunu fi flus, jew biljetti tal-ajru, minflok trofej.

21.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-rebbieħa għandhom jibqgħu rikonoxxuti permezz ta' trofej.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016 fis-6.00pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**